# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru, 2024**

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 80/2016 MH**

**Numru: 4**

**Joseph Balzan**

**Vs**

**L-Avukat Ġenerali u Jacqueline Balzan**

**għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

**1**.Rat ir-rikors promotur fejn ġie premess u lmentat illi:

> **"*Fatti:***
>
> *1. ILLI r-rikorrent kien mizzewweg lill-intimata Jacqueline Balzan, minn liema zwieg, twieldu erbat itfal.*

*2. ILLI l-hajja matrimonjali bejn ir-rikorrent u Jacqueline Balzan saret impossibbli ghal diversi ragunijiet u ghalhekk il-partijiet resqu ghal separazzjoni.*

*3. ILLI s-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) iddecidiet illi t-tkisser taz-zwieg kien tort tar-rikorrent, b'hekk ordnat illi l-kura u l-kustodja tat-tfal kellu jkun esklussivament afdat f'idejn Jacqueline Balzan sakemm l-istess tfal jghaddu terapija u li r-rikorrent ghandu jhallas manteniment kemm ghat-tfal kif ukoll ghal Jacqueline Balzan. Pero, il-Qorti ordnat ukoll, fir-rigward tal-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti, ordnat illi wiehed mill-garaxxijiet sottostanti d-dar matrimonjali ghandu jghaddi lil Jacqueline Balzan in sodisfazzjon tal-hlasijiet ta' arretrati ta' manteniment pendente lite li kienu ghadhom dovuti sal-gurnata tas-sentenza fi prim'istanza. Ordnat ukoll illi garaxx iehor sottostanti d-dar matrimonjali jghaddi wkoll lil Jacqueline Balzan u dan in sodisfazzjon tal-kreditu taghha referribbli ghall-benefikati fid-dar matrimonjali u fil-garaxxijiet propjeta' parafernali tar-rikorrent.*

*4. ILLI r-rikorrent appella minn din id-decizjoni, b'dan illi fil-frattemp, ir-rikorrent hallas l-arretrati tal-manteniment li kien dovut. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata izda b'reduzzjoni tal-ammont ta' manteniment pagabbli lil Jacqueline Balzan. Dan ifisser illi l-ordni ta' trasferiment tal-garaxxijiet imsemmijin giet ukoll ikkonfermata, minkejja li l-ammont ta' manteniment li kellu jissodisfa wiehed mill-garaxxijiet kien imhallas wara li nghatat is-sentenza fi prim'istanza u minkejja li dan il-fatt ingjieb a konjizzjoni tal-Qorti tal-Appell; kif ukoll minkejja li l-esponent offra li jhallas l-ammont dovut minflokk.*

*5. ILLI apparti minn hekk, tali konferma tas-sentenza fissret ukoll ghall-esponent illi, ghalkemm ilu ma jara lit-tfal tieghu ghal dawn l-ahhar sitt snin, ma kienx ser jinghata d-dritt jara t-tfal tieghu qabel ma jghaddu minn terapija, liema terapija hija assolutament dipendenti fuq l-omm, fis-sens illi peress illi l-minuri huma fil-kustodja taghha, hija hi li trid tehodhom ghat-terapija, haga li sal-gurnata tal-lum ghada m'ghamlitx. U haga li ghalkemm il-Qorti tal-Appell giet mitluba tordna permess ta' rikors datat 5 ta' Mejju 2015, hija baqghet inadempjenti ghaliex hasset illi peress illi s-sentenza tal-appell ma kinitx il-boghod, kemm il-konvenut kif ukoll it-tfal ma kienux ser ikunu ppregudiakti billi jistennew "ftit gimghat".*

*6. ILLI s-senenza finali fil-fatt inghatat 39 gimgha wara r-rikors tal-konvenut, u ghalhekk 11-il gimgha wara d-Digriet tal-Qorti. Gimghat li setghu taw lit-tfal tal-esponent, headstart fil-process tar-rekindling tar-*

*relazzjoni ma' missierhom, li ghalkemm mhux dejjem gab ruhu ta' bonus paterfamilias, qieghed jirriforma ruhu u jixtieq li t-tfal tieghu ikunu parti minn hajtu.*

*7. ILLI is-sentenza tal-1 ta' Frar 2016 tal-Qorti tal-Appell, ghalhekk kkonfermat biss li t-tfal ghandhom jghaddu minn "preparazzjoni necessarju biex ma ssirx hsara lill-minuri" u ma ordnatx li jibda tali process ta' terapija izda halliet dan f'idejn l-intimata Jacqueline Balzan. Bir-rispett, din kienet decizjoni li tista' titqies negligenti da parti tal-Qorti tal-Appell, mhux biss minhabba l-fatt li t-tfal ghandhom bzonn it-terapija u mhumiex prezentament qed jircevuh, izda wkoll ghaliex, m'humiex qeghdin jircevuh sabiex l-intimata tipprevenihom milli qatt jaraw lil missierhom.*

***L-ewwel lanjanza kostituzzjonali: Li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tivvjola d-dritt tieghu ghar-rispett lejn il-hajja familjari tieghu protett taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni***

*8. ILLI l-fatt li l-Qorti tal-Appell ma ordnatx li t-tfal jibdew t-terapija ordnata mill-ewwel Qorti u kkonfermata minnha stess, kemm fil-provvediment taghha moghti fis-16 ta' Novembru 2015 kif ukoll fis-sentenza tal-Appell moghtija fl-1 ta' Frar 2016, ma jirrispettax il-hajja familjari tal-esponent bil-mod rikjest mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u dan ghaliex, l-esponent ilu madwar sitt snin ma jara lit-tfal tieghu, ghalkemm ipprova kemm-il darba matul is-separazzjoni jitlob lill-Qorti sabiex tippermettielu l-access.*

*9. ILLI fir-rigward ta' dan id-dritt, ma hemmx dubju u zgur ma jkunx kontestat illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tikkostitwixxi interferenza fit-tgwadija tad-dritt ghar-rispett lejn il-hajja familjari tal-esponent. B'hekk din l-Onorabbli Qorti trid tistabilixxi jekk tali interferenza kinitx gustifikata billi tara kinitx ibbazata fuq il-ligi, mahsuba ghal skop legittimu u necessarja f'socjeta' demokratika.*

*10. ILLI l-esponent ma jikkontestax illi d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell kienet ibbazata fuq il-ligi u mahsuba sabiex thares l-interessi tat-tfal tieghu, li huwa japprezza. Li qieghed prezentament jikkontesta l-esponent huwa li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell ma kinitx necessarja f'socjeta' demokratika fis-sens illi ma kinitx proporzjonata billi halliet il-futur tar-relazzjoni mat-tfal tieghu u l-possibbilita' li hu jarahom, f'idejn ommhom, li la trid tarah hi u l-anqas ma trid lit-tfal jarawh. B'hekk il-Qorti tal-Appell m'ghamlitx l-apprezzament necessarju sabiex tizgura li l-interessi*

*tal-partijiet kollha jkunu mharsa, specjalment dawk tal-missier u tat-tfal, li ghalkemm forsi bhalissa ghandhomx relazzjoni daqshekk tajba ma' missierhom, forsi ser iridu u jkollhom bzonn relazzjoni mieghu kif ikomplu jikbru u jimmaturaw.*

*11. ILLI ghal dawn ir-ragunijiet din l-Onorabbli Qorti ghandha ssib li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-provvediment tas-16 ta' Novembru 2015 kif ukoll fis-sentenza finali taghha tal-1 ta' Frar 2016, jilledu d-dritt fondamentali tal-esponent ghar-rispett lejn il-hajja familjari tieghu*

***It-tieni lanjanza kostituzzjonali: li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tivvjola d-dritt tal-esponent ghat-tgawdija tal-propjeta' taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjonoi Ewropea***

*12. ILLI huwa principju ben stabbilit illi sabiex bniedem jigi pprivat mill-propjeta' tieghu, ghandu jkun hemm gustifikazzjoni bizzejjed sabiex il-mizura ma titqiesx sproporzjonata in visto tal-oggett li ghalih il-mizura kienet mahsuba. Dan il-principju huwa mtenni kemm-il darba mill-Qorti Ewropea, fejn il-landmark judgment ta'* ***Sporrong and Lonnroth v. Sweden*** *tat-23 ta' Settembru 1982 huwa cittat fil-parti relevanti tieghu:*

*"[T]he Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights (see, mutatis mutandis, the jugdment of 23 July 1968 in the "Belgian Linguistic" case, Series A no. 6, p. 32, par. 5). The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1 (P1-1)."*

*F'din il-kawza gie ennuncjat ukoll il-principju ta' individual and excessive burden li fil-gurisprudenza sussegwenti ttiehed bhala t-threshold li sitwazzjoni ghandha tilhaq sabiex jigi ddeterminat li l-bilanc rikjest mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ma nzammx, bhal fil-kawza* ***James and Others v. The United Kingdom*** *tal-21 ta' Frar 1986:*

*"50. This, however, does not settle the issue. Not only must a measure depriving a person of his property pursue, on the facts as well as in principle, a legitimate aim "in the public interest", but there must also be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see, amongst others, and mutatis mutandis, the above-mentioned Ashingdane judgment, Series A no. 93, pp.*

*24-25, para. 57). This latter requirement was expressed in other terms in the Sporrong and Lönnroth judgment by the notion of the "fair balance" that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights (Series A no. 52, p. 26, para. 69).* ***The requisite balance will not be found if the person concerned has had to bear "an individual and excessive burden" (ibid., p. 28, para. 73).*** *Although the Court was speaking in that judgment in the context of the general rule of peaceful enjoyment of property enunciated in the first sentence of the first paragraph, it pointed out that "the search for this balance is ... reflected in the structure of Article 1 (P1-1)" as a whole (ibid., p. 26, para. 69)."*

*13. ILLI avolja dawn is-sentenzi s-soltu jikkoncernaw kwistjonijiet ta' esproprijazzjoni u/jew kera, il-Qorti Ewropea tirrikonoxxi li l-bilanc bejn l-interessi koncernati u l-element ta' proporzjonlita' ghandha tezisti fi kwalunkwe kaz ta' privazzjoni ta' propjeta' anke jekk tali privazzjoni hija wahda provduta bil-ligi, bhal fil-kaz ta' divizjoni ta' komunjoni t'akkwisti. Dan gie stabbilit f'serje ta' decizjonijiet, fosthom,* ***Bramelid and Malmstrom v. Sweden*** *tat-12 t'Ottubru 1982, fejn il-Qorti qalet:*

*"In all the States Parties to the Convention, the legislation governing private law relations between individuals, including legal persons, includes rules which determine the effects of these legal relations with respect to property and, in some cases, compel a person to surrender a possession to another. Examples include the division of inherited property, especially agricultural, the division of matrimonial estates, and in particular the seizure and sale of property in the course of execution. This type of rule, which is essential in any liberal society, cannot <u>in principle</u> be considered contrary to Article I of the First Protocol. Referring, mutatis mutandis, to the opinion expressed by the Court regarding relations between the State and the individual (cf. the Sporrong and Lonnroth case, judgment of 23 September 1982, paragraph 69),* ***the Commission must nevertheless make sure, that in determining the effects on property of legal relations between individuals, the law does not create such inequality that one person could be arbitrarily and unjustly deprived of property in favour of another****."*

*Fil-fatt, fil-kaz sussegwenti ta' Mairitsch v. Austria tat-13 ta' Lulju 1987, il-Qorti qalet:*

*"However, as the Commission noted earlier, in all States Parties to the Convention, the legislation governing private law relations between individuals includes rules which determine the effects of these legal*

*relations with respect to property and, in some cases, compel a person to surrender a possession to another. An example referred to by the Commission in this context was precisely the division of matrimonial estates. The Commission found that this type of rule cannot in principle be considered contrary to Article 1 of the First Protocol (P1-1) and, more precisely, that in such cases the passing of property, resulting from legal limitations inherent in particular property rights, should not be considered as constituting a deprivation of possessions for the purposes of the second sentence of Article 1 (Art. 1) (Nos. 8588/79 and b8589/79, Dec. 12.10.82, D.R. 29 p. 64 [82]).*

*The Commission maintains this view. Even if the transfer of title to movable or immovable property in case of a dissolution of marriage may not be effected by way of a private transaction between the former spouses but by a decision of a court or another State organ, the transfer as such continues to be the result of obligations stemming from general private law rules governing the conclusion and dissolution of marriages and their legal consequences. An obligation, resulting from such rules, to transfer property to the other spouse cannot be considered contrary to Article 1 of Protocol No. 1 (P1-1) as such.*

***The Commission must nevertheless make sure that in determining the effects on property of legal relations between individuals the law does not create such irregularity that one person could be arbitrarily and unjustly deprived of property in favour of another** (Nos. 8588/79 and 8859/79, supra, p. 82; see also, mutatis mutandis, Eur. Court H.R., Sporrong and Lönnroth judgment of 23 September 1982, Series A No. 52, p. 26, para. 69).”*

*14. ILLI dan stabbilit, l-esponent jikkontendi li fil-kaz tieghu, huwa gie ingustament u arbitrarjament ipprivat mit-tgawdija tal-propjeta' tieghu b'tali mod li garab piz eccessiv, in vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghat-tgawdija tal-propjeta'. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet li huma manifesti fis-segwenti:*

*a) L-ordni tat-trasferiment tal-garaxx numru wiehed (1) sottostanti l-fond “Lily of the Valley”, Triq il-Kbira k/m Triq Mikelang Sapiano, Zebbug ma kellha l-ebda bazi fil-ligi billi l-Artikolu li fuqu l-Qorti tal-Appell tibbaza d-decizjoni taghha f'dan ir-rigward u cioe l-Artikolu 54 tal-Kodici Civili, ma jipprovdix ghal hlas ta' arretrati ta' manteniment li jkun dovut pendente lite, izda biss ghal dak il-manteniment li jigi stabbilit li ghandu jithallas wara s-sentenza ta' separazzjoni.*

b) *Il-Qorti tal-Appell, ingustament u irragjonevolament ma kkunsidratx illi fil-mori tas-smiegh tal-appell, l-arretrati ta' manteniment li kienu dovuti u li ghalih kien ser jigi assenjat il-garaxx numru wiehed (1) sottostanti l-fond "Lily of the Valley", Triq il-Kbira k/m Triq Mikelang Sapiano, Zebbug, thallsu. Dan ifisser illi kwanlunkwe trasferiment f'dan l-istadju ser jwassal ghall-arrikkiment ingustifikat tal-intimata Jacqueline Balzan.*
c) *It-trasferiment tal-garaxx numru tnejn (2) sottostanti l-fond "Lily of the Valley", Triq il-Kbira k/m Triq Mikelang Sapiano, Zebbug gie ordnat minkejja li kien hemm mezzi ohra sabiex jithallas l-ammont dovut.*
d) *Bl-ordnijiet tal-Qorti, l-esponent ingab f'sitwazzjoni fejn irid jittrasferixxi lill-intimata Jacqueline Balzan, zewg garaxxijiet li huma sottostanti d-dar fejn hu prezentament jghix, sitwazzjoni li, apparti l-fatt ga imsemmi li tammonta ghal arrikkiment ingustifikat, hija skomda immens ghalih peress li jkollu jhabbat wiccu mal-ex-mara tieghu kuljum, il-mara li ilha sitt snin izomm it-tfal tieghu milli jarawh.*

*GHALDAQSTANT u ghar-ragunijiet premessi l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:*

1) *Tiddikjara li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **"Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan" Rikors numru 22/09 RGM** tilledi d-dritt fondamentali tal-esponent protett taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, hekk kif hawnfuq deskritt;*
2) *Tiddikjara li l-provvediment tal-Qorti tal-Appell moghti fis-16 ta' Novembru 2015 fl-ismijiet **"Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan" Rikors numru 22/09 RGM** , kif ukoll id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Frar 2016 fl-istess ismijiet jilledu d-dritt fondamentali tal-esponent protett mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea billi ma ordnawx li t-tfal jintbaghtu ghat-terapija ordnata, ghalkemm kienu ilhom ma jaraw lil missierhom sitt snin;*
3) *Konsegwentament thassar, tirrevoka u tannulla dik il-parti tas-sentenza tal-Appell li tirrigwardja t-trasferiment tal-garaxxijiet lill-intimata Jacqueline Balzan;*
4) *Taghti l-ordni necssarja sabiex it-tfal jintbaghtu ghat-terapija ordnata sabiex tkun tista' tigi stabbilita xi forma ta' relazzjoni bejnhom u bejn missierhom;*
5) *Taghti dawk l-ordnijiet u taghti dawk il-provvedimenti li jidhrilha li huma xierqa u opportuni sabiex l-esponent jinghata rimedju ghall-vjolazzjonijiet hawn deskritti."*

**2**.Rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali fejn ġie eċċepiet li[1]:

*"Illi in succinct ir-rikorrent qieghed jattakka s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Jacqueline Balzan vs Joseph Balzan li inghatat fl-1 ta` Frar 2016 minhabba fost ohrajn allegazzjoni ta` nuqqas ta` proporzjonalita`, interferenza fil-hajja familjari tieghu u fit-tgawdija tal-proprjeta` u li dan wassal sabiex gew vjolati id-drittijiet fundamentali tieghu skond l-artikolu 8 u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.*

*Illi l-esponenti jirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif ser jigi spjegat aktar ' l isfel, bl-ebda mod ma gew mittiefsa d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.*

*Huwa evidenti li r-rikorrenti qed juza l-proceduri odjerni biex jerga jiftah mil-gdid il-mertu tal-kawza dwar s-separazzjoni personali biex b`hekk juza din l-Onorabbli Qorti bhala Qorti tat-tielet appell. Haga li ma tistghax issir. Illi certament minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li r-rikorrent inghata kull opportunita` li jgib il-kaz tieghu l-quddiem, thalla jippruduci l-provi kollha li hass li kellu jipproduci u ghamel s-sottomissjonijiet tieghu tramite l-avukat ta` fiducja tieghu.*

*Minn qari tas-sentenzi in kwistjoni johrog car li dik l-Onorabbli Qorti ghamlet evalwazzjoni shiha u dettaljata tax-xhieda u tal-provi li tressqu u ma hemm l-ebda indikazzjoni li certu konkluzzjonjiet li wasslet ghalihom kienu motivati minn nuqqas ta` imparzjalita` u/jew proporzjonalita`. L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-process relattiv ghar-rikorrenti li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiggudika.*

*Illi fil-proceduri civili in dizamina fl-ebda hin u fl-ebda mument ir-rikorrent ma gie trattat b`mod differenti mill-parti l-ohra u lanqas ma jirrizulta li gie mcahhad minn xi dritt li meta wiehed ihares lejn il-proceduri fit-totalita` taghhom jista jikkonkludi li ma kienx hemm a fair*

[1] Folio 13

*hearing. Anzi, jirrizulta li l-partijiet kellhom access ugwali ghall-Qorti u ghall-atti kollha tal-kawza, saru n-notifiki kollha mehtiega u kull parti kellha l-opportunita` li twiegeb u taghmel sottomissjonijiet. Bil-fatt wahdu li l-Qrati ma laqghux it-talbiet u s-sottomissjonijiet tar-rikorrent dan ma jfissirx li kien hemm ksur tal-drittijiet fundamentali tieghu. Huwa sintomatiku kif fir-rikors promotur ir-rikorrent qed jattakka d-decizjonijiet tal-Qrati pero` fl-ebda hin u mument ma jghid ezattament f`liema aspetti tal-principji tal "fair hearing" il-Qorti allegatament naqset.*

*Illi r-rikorrent qed jilmenta li sofra lezjoni tad-dritt ghal-hajja privata u ghall-hajja tal-familja garantit mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jghid is-segwenti:*

*(1)Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*(2)Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f 'soċjeta demokratika fl-interessi tas-sigurta nazzjonali, sigurta pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."*

*Fis-sentenza taghha tal-4 ta` Dicembru 2007 fil-kawza* ***Dickson vs UK*** *il-Qorti Ewropeja qalet hekk – The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities. Ghalhekk l-indhil mill-awtorita` pubblika ghandu jkun fil-kazi specifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta` l-Art.8 (ara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta` Settembru 2007 fil-kawza "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art.8 dak li jrid hajja familjari li haqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx gustifikata (ara "Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et" - PAK/GV - 4 ta` Ottubu 2004).*

*Dwar dan jinghad li jekk kien hemm allontanament mit-tfal minn ma` missierhom dan zgur ma kienx minhabba nuqqas jew interferenza tal-Qorti izda minhabba l-imgieba vjolenti u l-influwenza negativa li kellu r-*

*rikorrent fuq it-tfal tiegħu b`agir mill-aktar abbuziv. Meta ma jkunx hemm ftehim bejn il-partijiet, hija l-Qorti li għandha tiddetermina l-kura u l-kustodja tat-tfal fi proceduri ta` separazzjoni billi tissalvagwardja primarjament l-aħjar interessi tat-tfal. F`dan il-kaz ma hemmx dubju li l-Qrati tagħna hadu in konsiderazzjoni il-fatturi kollha biex waslu għad-decizjoni tagħhom li jagħtu l-kustodja tal-ulied lil Jacqueline Balzan b`dan pero` li t-tfal għandhom jircievu terapija biex tigi restitwita forma ta` kuntatt mar-rikorrent. Din il-kundizzjoni kif imposta mill-Qorti hija wahda ta` buon sens intiza principalment biex tissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal kif tesigi l-ligi. Fil-fatt il-Qorti fl-ebda hin ma qalet li r-rikorrent m`għandu qatt ikollu aktar access għat-tfal izda li l-kuntatt miegħu għandu jsir wara li t-tfal jiehdu t-terapija necessarja sabiex ma ssirx hsara lill-minuri.*

*Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Ir-rikorrent qed jallega ukoll ksur tat-tgawdija pacifika tal-proprjeta` tiegħu garantit mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Illi la l-artikolu konvenzjonali u lanqas dak kostituzzjonali ma jipprotegu d-dritt tal-godimenti pacifiku tal-possedimenti jew proprjeta` mingħajr restrizzjoni ta` xejn. Fil-fatt kemm l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jelenkaw r-restrizzjonijiet għal dan id-dritt. Jingħad li dwar il-mod kif titqassam il-proprjeta` parafernali f`kaz ta` separazzjoni personali bejn il-konjugi dan huwa kollu regolat mil-ligi u meta ma jkunx hemm qbil hija l-Qorti ordinarja li għandha tiddecidi din il-kwistjoni.*

*L-intimat isostni kategorikament li ma kien hemm l-ebda cahda ingustifikata tal-garaxx in kwistjoni. Il-mertu ta` din il-kwistjoni jitqies issa li huwa wieħed ezawriet u f`dan is-sens l-esponent jagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Jacqueline Balzan vs Joseph Balzan li ingħatat fl-1 ta` Frar 2016. Kif diga` intqal aktar `l fuq, il-Qrati ordinarji għamlu il-konsiderazzjonijiet tagħhom abbazi ta` dak li gie sottomess lilhom mil-partijiet u anke fuq dak li tgħid il-ligi u waslu għad-decizjoni li galadarba ir-rikorrent akkumula pendente lite somma sostanzjali ta` arretrati ta` manteniment dovut mir-rikorrent għall-minuri fl-ammont ta` EUR24,732 dan għandu jigi sodisfatt bl-assenjazzjoni tal-garaxx numru (1) sottostanti l-fond Lily of the Valley,*

*Triq il-Kbira, Zebbug.. Rigward il-garaxx l-iehor u cioe in-numru 2 dan gie assenjat lill-intimata in sodisfazzjon tal-kreditu dovut lilha ta` cirka EUR30,000 li jirraprezentaw il-benefikati li saru mill-intimata fid-dar matrimonjali kif ukoll fil-garaxxijiet. Ma hemm xejn li jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent b`daqshekk.*

*Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.*

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez."*

**3**.Rat ir-risposta ta' Jacqueline Balzan[2]:

*"Illi t-talbiet imressqa mir-rikorrent Joseph Balzan permezz tar-rikors odjern minnu ntavolat quddiem din l-Onorabbti Qorti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghar-ragunijiet hawn taht elenkati ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.*

*L-Ewwel Lanjanza — Allegat Vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenaoni Ewropeja*

*Illi permezz tar-rikors promotur ir-rikorrent qieghed isostni illi l-fatt illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma ordnatx illi t-tfal minuri tal-partijiet jibdew it-terapija ordnata mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) 'ma jirrispettax il-hajja familjari tal-esponent bil-mod rikjest mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Hekk ukoll jallega l-istess rikorrent illi d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell 'ma kienitx necessarja f'socjeta' demokratika fis-sens illi ma kienitx proporzjonata billi halliet I-futur tar-relazzjoni mat-tfal tieghu u I-possibilita' li hu Jarahom f'idejn ommhom.*

[2] Folio 18

*Illi dan l-ilment huwa assolutament infondat u ingustifikat ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi b'mod preliminari jigi osservat illi mill-kontenut tar-rikors promotur ma tirrizultax kontestazzjoni dwar id-decizjoni originarjament moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) f'dan ir-rigward u allura dwar in-necessita' o meno illi t-tfal minuri Filippa, Georgina, Mario u Karl jircievu t-terapija <u>sabiex tigi esplorata l-possibilita' illi jergghu jibnu relazzjoni ma' missierhom</u>. Tajjeb jigi nnutat f'dan l-istadju illi skond is-sentenza tal-Qorti hawn imsemmija, eventwali dritt ta' access ghandu jigi kkunsidrat '<u>**biss jekk**</u> tali terapija twassal ghal rigenerazzjoni ta' relazzjoni sana bejn il-missier u uliedu'.*

2. *Illi wkoll **b'mod** preliminari jigi rilevat illi mhux gustifikabbli r-rikors promotur stante illi r-rikorrent Balzan kellu u sahansitra ghad ghandu rimedji ohra ghad-disposizzjoni tieghu sabiex jirrimedja l-allegat ksur illi huwa sofra. **L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi b'mod car f'dan ir-rigward: 'Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.*

   *Illi tant hu hekk illi kien ir-rikorrent innifsu illi fl-l ta' Settembru 2016 pprezenta rikors fil-Qorti tal-Familja fejn talab illi t-terapija in kwistjoni tinghata lit-tfal mill- Agenzija Appogg — talba illi ghaliha ma opponietx l-esponenti. Jinghad illi permezz tad-digriet datat 1-5 ta' Settembru 2016 l-Onorabbli Qorti hawn imsemmija tat id-direzzjonijiet appoziti sabiex jittiehdu l-ewwel passi necessarji f'dan ir-rigward, u hekk ordnat illi l-Psiko-Terapista Melissa Agius sabiex thejji rapport dwar it-tip ta' terapija illi jirrikjedu t-tfal minuri tenut kont tal-istat attwali psikologiku taghhom.* <u>***Din il-procedura llum ghadha pendenti***</u>*. Kwindi l-intempestivita' ta' din l-azzjoni fir-rigward almenu u zgut tal-ewwel lanjanza, u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.*

   *Ghandu necessarjament jigi hawnhekk osservat illi minkejja l-ilment tar-rikorrent fis-sens illi bejn id-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Novembru 2015 u s-sentenza finali moghtija fl-l ta' Frar 2016 gew mohlija diversi gimghat illi setghu — 'taw lit-tfal tal-esponent headstart fil-process tar-rekindling tar-relazzjoni ma' missierhom — l-istess rikorrent* <u>***xorta wahda dam seba' (7) xhur mid-data tas-sentenza tal-appell sabiex iressaq ir-rikors su-riferit u jittiehdu dawk il-passi necessarji f'dan ir-rigward***</u>***.***

*Jigi reiterat illi dan il-process illi gie altura inizjat biss fil-granet illi ghaddew huwa ntiz sabiex jindirizza b'mod konkret u dirett propju dak l-ilment illi fuqu hija bbazata din l-ewwel lanjanza kostituzzjonali mressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

*Issir f'dan il-kuntest referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Sonia Zammit vs. Ministru tal-politika Socjali et***[3] *fejn gie ddikjarat b'mod car — 'Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu ti qed jilmenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli (enfasi mizjuda)'.*[4]

*Hekk ukoll sostniet din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet* ***Stephen Falzon vs. Registratur tal-Qorti et***[5] *— 'Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, jkun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita' s-setghat kostituzzjonali taghha.*

*Illi fil-kawza fl-ismijiet Claudine Desira et vs. Direttur tar-Registru Pubbliku et l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, wara illi qieset il-gurisprudenza relattiva, kkummentat specifikatament dwar l-ezercizzju tad-diskrezzjoni illi biha hija f'data l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Gie hekk iddikjarat: 'Id-diskrezzjoni fi ghandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrtt u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex min-naha wahda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b'kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni.*

***Illi in vista ta' dak hawn fuq premess fuq bazi preliminari ligi bir-rispett sottomess illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tezercita' dik id-diskreajoni lilha akkordata bl-Arlikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tirrifjuta***

[3] PA Rik. Nru 11/2005-deciza fis-27 ta' Frar 2006

[4] Cit. minn Dr. Mario Vella vs. Joseph Bannister- QK deciza fis-7 ta' Marzu 1994

[5] PA deciza fl-14 ta' Frar 2002

***illi tezercita' s-setghat taghha illi tiddetermina l-mertu ta' din it-talba quddiemha mressqa mir-rikorrent Balzan permezz tar-rikors promotur, u dan ghaliex ghandha tkun din l-istess Onorabbli Qorti pjenament sodtsfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli lir-rikorrent hawn imsemmija.***

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent ma sofra l-ebda vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tieghu kif protett bl-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**.*

*Illi l-interferenza fil-hajja familjari tar-rikorrent konsegwenti ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (kemm bid-digriet tas-16 ta' Novembru 2015 u kif ukoll bis-sentenza moghtija fl-l ta' Frar 2016) **altru illi kienet necessarja fic-cirkostanzi tal-kaz odjern** — u cioe' f'sitwazzjoni fejn ma jissussisti l-ebda dubju:*

*Illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex ifarrak u jkisser iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghaliex bl-agir vjolenti u irresponsabbli tieghu irrendha l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet mhux biss insopportabbli izda wkoll perikoluza. Il-provi juru illi kieku ma kienx ghall-hidma bla hedatal-attrici, nonostante l-ostakoli kollha li ghogbu jipprovdi l-konvenut, ulied il-partijiet kienu jispiccaw jghixu f'sitwazzjoni ta' faqar u mizerja.*[6]

*Ikun opportun illi ssir referenza f'dan il-kuntest ghal xi kunsiderazzjonijiet specifikament maghmula mill-Qorti fl-Ewwel Istanza propju b'referenza ghat-tfal minuri, u dan sabiex din l-Onorabbli Qorti tifhem ahjar il-fatti illi wasslu lill-istess Qorti sabiex taghti din id-direzzjoni partikolari dwar l-access. B'referenza ghall-indagini maghmul mill-**Psiko-Terapista Melissa Agius innominata mill-Qorti hawn imsemmija, gie ddikjarat:***

*'Pero' meta l-indagini fir-rigward giet approfondita u gew ezaminati l-esperjenzi koroh u negattivi li l-minuri kellhom fir-rigward ta' missierhom, il-Qorti hi tal-fehma illi **r-reazzjoni tal-minuri fl-konfront ta' missierhom hija r-rizultat dirett tal-agir vjolenti u abuziv tieghu mhux biss fil-konfront ta' ommhom, hafna drabi fl-presenza tal-ulied, izda wkoll xi daqqiet fil-konfront dirett tat-tfal stess (enfasi mizjuda)**.*

*Kien propju ghal din ir-raguni illi l-Qorti fl-Ewwel Istanza kkonkludiet 'qabel ma jigi kkunsidrat xi forma ta' access tal-missier versu uliedu huwa mehtieg li t-tfal jghaddu minn terapija, u **huwa biss jekk** tali terapija*

[6] Sentenza moghtija fis-26 ta' Frar 2015 (Qorti tal-Familja)

*twassal ghal rigenerazzjoni ta' relazzjoni sana bejn il-missier u uliedu li l-access ikun rakkomandat.* ***Sakemm jintlahaq tali fini, kuntatt bejn il-missier u l-minuri ma hux rakkomandabbli u <u>huwa ta' hsara ghall-minuri</u>*** *(enfasi mizjuda).*

*Illi l-<u>Onorabbli Qorti tal-Appell</u> fis-sentenza moghtija fl-l ta' Frar 2016 kkonfermat id-decizjoni mehuda mill-Qorti tal-Familja, b'dan illi qablet illi qabel ma jigi stabbilit kuntatt bejn il-missier u t-tfal 'ghandha ssir il-preparazzjoni necessarja. Kif fuq spjegat il-preparazzjoni in kwistjoni llum tinsab fl-ewwel stadju taghha wara r-rikors intavolat mir-rikorrent fl-l ta' Settembru 2016.*

***Jigi reiterat illi minn imkien ma jinizulta xi ksur o meno tad-dritt fundamentali tal-istess rikorrent kif protett taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.***

***<u>It-Tieni Lanjanza — Allegat Vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja</u>***

*Illi permezz tar-rikors promotur ir-rikorrent Balzan qieghed isostni illi d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-l ta' Frar 2016 illi kkonfermat l-assenjazzjoni lill- esponenti ta' zewg garaxxijiet — rispettivament Garaxx Nru 1 u Garaxx Nru 2, sottostanti l-fond 'Lily of the Valley', Triq il-Kbira k/m Triq Mikelangelo Sapiano, Zebbug — tikkostitwixxi privazzjoni ngusta u arbitrarja mit-tgawdija tal-propjeta' tieghu, 'b'talii mod illi garab piz eccessiv in vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghat-tgawdija tal-propjeta'.*

*Illi din il-lanjanza hija wkoll nfondata u ngustifikata ghas-segwenti ragunijiet:*

***Dwar Garaxx Numru 1***
***(Assenjat in sodisfazzjoni ta' Arretrati ta' Manteniment dovuti Pendente Lite)***

1. *Illi kemm il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-sentenza moghtija fis-26 ta' Frar 2015 u kif ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza moghtija fl-l ta' Frar 2016 applikaw b'mod ghal kollox korrett il-provvedimenti tal-**<u>Artikolu 54(8)</u>** tal-Kap. 16 ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern, u hekk waslu sabiex ordnaw din l-assenjazzjoni.*

*Ir-rikorrent Balzan f'dan ir-rigward isostni illi l-imsemmi provvediment ma jaghtix 10k ghal hlas ta' arretrati ta' manteniment pendente lite izda biss 'ghal dak il-manteniment li jigi stabbilit li ghandu jithallas wara s-sentenza ta' separazzjoni.*

***Illi din id-dikjarazzjoni hija legalment erronja u skorretta u tirraprezenta argument illi diga' gie trattat fir-rikors tal-appell illi kien gie ntavolat mill-imsemmi rikorrent Balzan**. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-l ta' Frar 2016, filwaqt illi rrespingiet dan l-argument partikolari, b'mod car u lampanti ddikjarat: 'Kwantu ghall-argument li l-Artikolu 54 japplika biss ghall-manteniment futur, dan ma jirrizultax mil-ligi.*

*Illi ma jistax ikun aktar evidenti illi r-rikorrent Balzan qieghed permezz tal-procedura odjerna jittenta appell ulterjuri, issa f'dan l-istadju meta s-sentenza bejn il-partijiet premessi tikkostitwixxi resjudicata— azzjoni illi mhix permissibbli bil-ligi u agir illi ma ghandux ikun accettati ittollerat jew sanzjonat minn din l-Onorabbli Qorti.*

2. *Illi <u>minghajr pregudizzju</u> huwa r-rikorrent Balzan illi ghandu jipprova kwalsiasi hlas ta' arretrati ta' manteniment allegatament minnu maghmul u li skond hu ghandu jservi sabiex tigi revokata d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell relattiva ghall-assenjazzjoni tal-garaxx in kwistjoni.*

3. *illi wkoll <u>minghair pregudizzju</u> hija ghal kollox infondata l-asserzjoni da parti tar-rikorrent fis-sens illi l-Onorabbti Qorti tal-Appell 'ingustament u irragjonevolment ma kkunsidratx illi fil-mori tas-smiegh tal-appell, l-arretrati ta' manteniment illi kienu dovuti u li ghalih kien ser jigi assenjat il-garaxx [de quo] thallsu'.*

   *Illi kif jirrizulta mill-kontenut tas-sentenza moghtija fl-l ta' Frar 2016, l-Onorabbli Qorti su-riferita debitament ikkunsidrat:*

   *L-appellant jilmenta li fil-mori tal-kawza huwa hallas l-ammont dovut skont is-sentenza appellata liema ammont tqies mill-Qorti fid-decizjoni taghha li tassenja l-proprjeta' in kwistjoni; jghid ukoll li l-Artikolu 54 japplika biss ghal manteniment li jkun dovut fil-futur u mhux dak li jkun gia- dovut. **Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan; l-ammonti li l-appellant isemmi li hallas ikopru ammonti li kienu gia' dovuti; huwa ma jsemmi xejn dwar l-ammonti li huma dovuti mid-data tas-sentenza appellata sal-lum.** Kwantu ghall-argument li l-Artikolu 54 japplika biss ghall-manteniment futur, dan ma jirrizultax mil-ligi... **Kull ma ghamlet Qorti***

***kien li issostitwiet ammont gia' dovut mill-appellant bhala manteniment bi proprjeta', naturalment stmata mill-espert tekniku bhala ekwivalenti ghall-ammont dovut imsemmi; b'dan il-mod evitat proceduri ulterjuri li jkunu ta' hsara u spejjez ohra zejda ghall-partijiet (enfasi mizjuda).***

*Jigi rilevat illi fil-mument illi nghatat is-sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, ir-rikorrent Balzan ma kienx hallas dawk l-arretrati kollha minnu dovuti in linea ta' manteniment ghat-tfal minuri Filippa, Georgina, Mario u Karl. Fic-cirkostanzi u tenut kont tal-fatti kollha relevanti — kif jirrizulta ampjament mill-atti processwali relattivi ghall-kawza 22/2009 RGM bejn il-partijiet premessi — l-imsemmija Onorabbli Qorti kienet ghal kollox gustifikata fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni lilha moghtija bil-ligi meta ghaddiet sabiex tikkonferma d-decizjoni precedentement moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Huma ghaldaqstant ghal kollox inkoncepibbli u insostenibbli t-talbiet imressqa mir-rikorrent Balzan permezz tar-rikors tieghu sabiex illum din id-decizjoni tithassar u tigi revokata, meta fil-mument tat-tehid tad-decizjoni anke fit-Tieni Istanza, kien jirrizulta car illi kellu hlas ta' manteniment b'lura li ma ghamilx.*

***Dwar Garau Numru 2***
***(Assenjat in sodisfazzjoni tal-Benefikati fid-Dar Matrimonjali u l-Garaxxijiet)***

*Illi r-rikorrent Balzan isostni illi jezistu mezzi ohra sabiex jithallas l-ammont dovut u allura mhix gustifikata din l-assenjazzjoni favur l-esponenti — argument iehor skorrett u nfondat:*

1. *Illi a skans ta' ripetizzjoni inutili f'dan ir-rigward issir referenza ghad-diskrezzjoni moghtija bl-Artikolu 54 tal-Kodici Civili — liema diskrezzjoni fil-kaz odjern giet giustament u korrettement ezercitata mill-Qorti tal-Familja illi fis-sentenza tas-26 ta' Frar 2015 ordnat illi l-garaxx su-riferit ikun assenjat lill-esponenti in sodisfazzjoni tal-kreditu refattiv ghall-benefikati maghmula fid-dar matrimonjali u kif ukoll fil-garaxxjjiet sottostanti (inkluz allura dak lilha assenjat). Din id-decizjoni giet debitament ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell illi fis-sentenza tal-1 ta' Frar 2016 b'mod car jddikjarat:*

   *'L-appellant permezz tas-sitt aggravju tieghu qed isostni li l-ewwel Qorti ma setghetx tassenja l-propjeta' msemmija a saldu tal-kreditu parafernali talappellata ghaliex dan il-kreditu huwa monetarju u allura l-Qorti kellha se mai tordna l-hlas ta' dak l-ammont u mhux tassenja l-proprjeta'.* ***Din il-Qorti ma tata xejn hazin li minfok flus, il-kreditur f'kawza simili jigi asenjat il-propjeta' li tkun tifforma parti mill-assi tal-partijiet, kemm***

***jekk ikunu parafernali u kemm formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Anke b'din il-mizura, il-Qorti evitat proceduri komplikati futuri li fil-fatt setghu ikunu kawza ta' spejjez li finalment x'aktarx kien ikollu jaghmel tajjeb ghalihom l-istess appellant'***.

2. *Illi ghal darba ohra jirrizulta illi r-rikorrent qieghed bir-rikors odjern jittenta jressaq appell ulterjuri mid-decizjoni su-riferita kif ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell. Ma tissussisti assolutament l-ebda raguni valida fil-ligi sabiex tissostanzja l-pretensjoni tal-istess rikorrent illi bhala konsegwenza tad-decizjoni in kwistjoni gew jew sejrin jigu lezi d-drittijiet fondamentali tieghu. Bid-dovut rispett lanqas jitwemmen illi r-rikorrent jasal biex jiddikjara illi l-assenjazzjoni tal-propjeta' kif ordnat mill-Qorti tal-Familja 'hija skomda immens ghalih peress li jkollu jhabbat wiccu mal-ex mara tieghu kuljum!*

*Jigi reiterat illi din it-tieni lanjanza kostituzzjonali ma hija bl-ebda mod sostenibbli u/jew gustifikata fil-ligi u ghandha tigi respinta minn din l-Onorabbli Qorti.*

***Illi fl-ahhar lok jigi bir-rispett rilevat illi r-rikors odjern ma jirraprezenta xejn hlief l-ahhar tentattiv da parti tar-rikoment Joseph Balzan sabiex akkost ta' kollox jevita l-konsegwenzi tas-sentenza moghtija fil-konfront tal-partijiet u li llum tikkostitwixxi res judicata – sentenza illi nghatat wara mhux inqas minn seba' snin, matul liema perjodu l-imsemmi rikorrent ghamel l-almu tieghu sabiex ikompli jkisser u jfarrak il-familja tieghu u nkluz lit-tfal minuri. Wara illi l-istess rikorrent ghadda lill-familja tieghu minn martirju shih anke llun minflok ihallihom jghixu fil-kwiet u jirrispetta dak illi ordnat il-Qorti tal-Familja u kkonfermat il-Qorti tal-Appell, qieghed ikompli jostakola u Johloq problemi u proceduri godda bil-ghan uniku illi jivvessa lill-esponenti u jkompli jaghmiilha hajjitha mizerja u jcahhadha minn dak li l-Qrati relattivi dehrilhom opportun jiddikjaraw b'gustizzja maghha u mal-ulied minuri tal-kontendenti***.

*Salv risposta ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent Joseph Balzan.*"

Rat l-atti kollha tal-kawża, rat in-noti ta' sottomissjonijiet, semgħet it-trattazzjonijiet;

Ikkunsidrat:

**4**.F'din il-lanjanza ta' natura Kostituzzjonali u Konvenzjonali ir-rikorrenti sintetikament jilmenta minn nuqqas ta' l-proporzjonalita' tad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell[7] fuq żewġ binarji, fl-ewwel lok għaliex ħalliet il-futur ta' wliedhom fejn jirrigwarda ir-relazzjoni tiegħu magħhom u l-aċċess għalihom, kompletament f'idejn ommhom u dana billi naqset milli ssegwi b'ordni li wliedhom jibdew il-proċess ta' terapija biex jsiru *rekindling* proċess mal-missier, kompletament f'idejn ommhom. Oltre dan fil-mori tas-smiegħ astjeniet mill tieħu konjizzjoni ta' rikors appositu biex jiġi xprunat il-bidu ta' din it-terapija.

B'hekk jressaq l-ilment illi l-Qorti tal-Appell kemm bl-asstensjoni tagħha fir-rigward tar-rikors, ukoll bid-deċiżjoni finali tagħha, kissritlu id-dritt sanċit fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni minħabba li d-deċiżjoni tagħha ma kienetx neċessarja f'soċjeta' demokratika ukoll ma kienetx proporzjonata.

---

[7] **Li għandu jingħad ikonfermat id-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti.**

**5**.Iressaq ukoll il-lanjanza li bl-istess deċiżjoni l-qorti kissritlu d-dritt tiegħu sanċit issa fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ukoll dak misjub  fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan billi meta ordnat it-trasferiment tal-garaxx ġewwa Ħaż-Żebbuġ biex jagħmel sew għall-arretrati tal-manteniment dovut lil martu dan għamlitu bil-ksur tal-liġi kif mifhuma fl-artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili.  Jilmenta wkoll illi l-istess arretrati kienu tħallsu u għalhekk id-deċiżjoni kienet se ġġib arrekkiment indebitu a favur martu, ukoll li minkejja li kellu mezzi oħra biex iħallas il-manteniment ġie ordnat it-trasferiment imsemmi. Jilmenta wkoll li  ġie ordnat ukoll trasferiment ta' garaxx ieħor biex jagħmel tajjeb għal spejjeż oħra dovuti dejjem lil martu u favur martu wkoll, ma l-ilmenti ġia msemmija jżid illi dawn il-ġaraxxijiet huma sitwati taħt id-dar fejn hu jgħix u b'tali trasferiment se jkollu jħabbat wiċċu ma martu.

Ikkunsidrat

**6**.Illi minħabba lir-rikorrenti jattakka d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Ċivil, din il-Qorti tħoss u hi tal-fehma li għandha l-ewwel tgħaddi biex tagħmel suċċint tax-xhieda li ġiet prodotta biex jinftiehem sew il-vera spirtu ta' din l-azzjoni avvanzata mir-rikorrenti.

Fl-ewwel lok tara li ġew allegati l-atti ta' l-Appelli Kriminali kollha li kien hemm fil-konfront tar-rikorrenti.[8]

Ġew allegati wkoll l-atti tal-Appell Ċivili li tiegħu hija nkontestazzjoni d-deċiżjoni inkluż ovvjament dawk tal-Prim Awla Qorti tal-Familja.

Da parti ta' Jacqueline Balzan ġie esebit kopja leġali tar-rikors mressaq mir-rikorrenti datat 1 ta' Settembru, 2016[9] u d-diġriet tal-Qorti tal-Appell fir-rigward datat 5 ta' Settembru, 2016[10].

Ġew esebiti ukoll sensiela ta' akkużi li ħarġu kontra ir-rikorrenti u rapporti li saru minn Jacqueline Balzan nee Mifsud fil-konfront ta' żewġha rikorrenti.[11]

B'dawn il-provi ngħalqu dawk li kienu jolqtu l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' intempestivita u rimedji ordinarji.

**7.** Da parti tiegħu fuq il-mertu r-rikorrenti ressaq is-segwenti provi;

[8] 100/14AM U 474/13AM folio 32-56 u 57 sa 94.
[9] Folio 97
[10] Folio 99
[11] Folio 183 sa 315

Dok A kopja tal-payslips tiegħu;[12]

Dok Bi u Dok Biii kopja ta' medjazzjoni u l-għeluq tagħha, din ta' l-aħħar datata 22 ta' Marzu, 2017[13].

Affidavit tar-rikorrenti Balzan.[14] F'dan ir-rikorrenti jilmenta li kien ilu ma jara lil uliedu għal madwar 7 snin. Li dan ġara għaliex il-Qori kienet ordnat li ommhom kellha toħodhom għal terapija biex terġa tiġi stabbilita relazzjoni miegħu u dan l-ex mara qatt ma għamlitux.

Igħid li fil-kors tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja hu prova kemm il-darba jappella lill-Qorti biex tbiddel fhemtha dwar l-aċċess tiegħu għat-tfal però kien kollu għalxejn. Igħid ukoll li l-Qorti ma kienetx tat każ għar-rikors tiegħu appositu  għax irraġunat li kienet wasslet għas-sentenza.

Jilmenta ukoll li l-Qorti ma kienetx tat kasu mhux biss fir-rigward ta' l-aċċess għal uliedu imma wkoll fil-konfront tal-manteniment li hu ma setax jaffordja, wkoll meta għaddiet biex ordnat it-trasferiment tal-garaxxijiet. Igħid li fuq dan hu kien ġie njorat nonostante li kien ħallas biċċa kbira mill-arretrati dovuti.

Jilmenta li minħabba dak li kien għaddej minnu ma setax jħallas il-manteniment.

Jixhed li la kien vjolenti u lanqas abbusiv ma wliedu.

Ukoll dwar id-distakk li kien hemm bejnu u bejn uliedu.

[12] Folio 319
[13] Folio 323-326
[14] Folio 332-334.

Igħid li prova jiftaħ medjazzjoni biex inaqqas il-manteniment ukoll għaliex li hu seta' jgħix biss bl-għajnuna finanzjara tal-genituri tiegħu.

Jilmenta li l-Qorti wara rikors tiegħu, minflok ġiegħlet lil omm tieħu t-tfal għat-terapija tramite l-aġenzija Appoġġ, minflok kienet innominat lil Psiko-terapista Melissa Agius, li kienet diġa għamlet rapport fuq it-tfal, li kellha tagħmel rapport ieħor fuq uliedu dwar l-istat attwali tat-tfal u ta' dan kellu jiddepożita s-somma ta' €300. Iżid li hu ridt lill-Aġenzija Appoġġ għax din kienet toffri servizzi b'xejn stante li hu ma kienx f'pożizzjoni finanzjara li jħallas għat-terapija. Igħid li għalhekk ma setax ikompli b'dan ir-rimedju. Jilmenta lil Qorti m'ordnatx li l-omm tieħu t-tfal it-terapija. Jgħid li hu baqa' dipendenti fuq l-għazla ta' omm it-tfal għal dan.

Jitkellem dwar li ma kellux flus u kellu jissellef biex jħallas id-dejn ma martu.

Jilmenta li ġie mċaħħad mid-drittijiet tiegħu fil-konfront ta' wliedu, wkoll li hu ġie mċaħħad mill-garaxxijiet għaliex xi arretrati kienu tħallsu, wkoll li kien hemm minn fejn setat titħallas martu bla ma jiġi trasferit it-tieni garaxx. Dwar dan jilmenta wkoll lil valuri tal-garaxxijiet illum jiżboq bil-kbir l-ammonti dovuti lil martu.

**8**. B'nota oħra Joseph Balzan esebixxa wkoll;

Dok E kopja tas-sentenza tal-Appell din datata l-1 ta' Frar, 2016[15];

Dok F kopja tar-rikors datat 5 ta' Mejju, 2015[16];

Dok G kopja ta' nota preżentata quddiem il-Qorti tal-Appell[17] dan konċernanti s-somma ta' manteniment minnu mħallsa;

Dok H kopja tar-rikors ppreżentat wara s-sentenza tal-Appell[18] minħabba trasferiment tal-garaxx u ħlas żejjed ta' manteniment;

Dok I kopja tad-digriet relattiv għall-aħħar rikors[19], li huwa ċ-ċaħda tat-talba in vista lit-talba ma kienetx taqa' fl-ambitu ta' l-artikolu 825 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

**9**. Joseph Balzan xehed ukoll in kontro eżami.[20] Dwar il-fatt li hu ma għamel xejn biex jara lil uliedu wara r-rikors li għamel apposta, jwieġeb li jinħtieġ il-flus għar-rapport.

Jikkonferma li bħala proprjetajiet kellu d-dar li xtara qabel iż-żwieġ, l-għalqa mixtrija bid-dejn, flat mixtri bid-dejn, u li kellu xi pendenzi ta' €100,000. Jwieġeb li kellu ħames garaxxijiet. Jikkonferma li issa kien jaħdem ma Transport Malta bħala Enforcement Officer. Jikkonferma li jirċievi kirjiet mill-garaxxijiet,

---

[15] Folio 337
[16] Folio 366
[17] Folio 365
[18] Folio 379
[19] Folio 384
[20] Folio 390, folio 400 u folio 410a

għalkemm jgħid li dawn il-kirjiet kienu ta' €200 annwali. Preżenta diversi payslips tax-xogħol li għandu[21].

Aktar tard jikkonferma wkoll il-kirja ta' garaxx lil ċertu Donald Pisani kienet versu l-ammont ta' 500 jew 600 ewro fis-sena.

Ġiet esibita wkoll kopja ta' skrittura ta' kera ta' garaxx li sar mir-rikorrenti lil ċertu George Balzan versu l-kera annwali ta' €700.[22]

Inġab jixhed ukoll Kenneth Camilleri li jikri garaxx mingħand ir-rikorrenti għall-ammont llum, mis-sena 2019 ta' €700 annwali, qabel mija inqas.

Ikkunsidrat.

**<u>10. Qorti tat-Tielet Istanza.</u>**

Fl-ewwel lok tqies wara li eżaminat l-atti u t-talbiet mressqa fir-rikors promotur u rat ix-xhieda li ġiet riprodotta, ma tistax ma taqbilx ma dak mressaq mill-intimati illi r-rikorrenti qed jittenta illi jerġa' jiftaħ lanjanza li għaddiet in ġudikat bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, ukoll **lil din il-Qorti fil-kompetenza tagħha Kostituzzjonali u Konvenzjonali hija priva li teżamina.**

[21] Folio 404-407 folio 411, folio 417 sa folio 425.
[22] Dan war lix-xhieda ta' l-istess ma kienetx ġiet debitament reġistrata.

Din il-Qorti ma tistax għal darb'oħra ma tikkumentax fuq konswetudni riċenti għal kollox deplorevoli ta' din il-prattika kommuni ta' ċerta avukati li jirrikorru għall-Qrati ta' indolu Kostituzzjonali u Konvenzjonali meta jmisshom jafu ħafna aħjar li tali Qrati ma jservux ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Ċivili fil-prima istanza u tal-Qorti tal-Appelli Ċivili.

Apparti għall-ħela kbira taż-żmien, miż-żmien ġia qasir li għandha l-Qorti biex tisma' u tikteb tenut kont tal-volum ta' xogħol li l-Qrati huma mgħobbija bih, dan kollu jservi għal telf ta' flejjes kbar fuq il-klijent u tortura nutli għall-għeluq ta' vertenza legali bejn il-partijiet. Frankament dis-servizz lejn il-proċess ġudizzjarju u lejn il-klijent innifsu li jibqa' joħroġ flejjes minn butu għalxejn.

**<u>11.Intempestivita' u Rimedju ordinarju.</u>**

Dawn l-eċċezzjonijiet huma xprunati mill-kronoloġija li bihom ir-rikorrenti preżenta l-atti ġiudizzjarji bil-lanjanzi tiegħu u n-natura tagħhom.

Għalhekk fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-intimata Jacqueline Balzan tispjega illi r-rikorrenti mexa b'dan il-mod:

Fl-**1 ta' Frar, 2016** il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti Prim'Awla Sezzjoni Familja, b'dan li kkonfermat li l-kura u kustodja tal-minuri wlied tal-konjuġi Balzan kellhom ikunu fdati lil Jacqueline Balzan;

Ukoll li l-aċċess għat-tfal mill-missier rikorrenti kellu jkun biss wara li dawn ikunu għaddew mid-debita terapija;

Fl-**1 ta' Settembru, 2016** ir-rikorrenti talab permezz ta' rikors li l-Qorti tal-familja biex uliedu jingħataw terapija mill-Appoġġ. Dan ġie degretat ħamest ijiem wara fil-**5 ta' Settembru**, **2016**. Id-digriet kien lit-tfal jingħataw terapija kif mitlub pero' mhux tramite l-Aġenzija Appoġġ kif ried ir-rikorrent, imma mill-Psiko-terapista Melissa Agius. Ir-rikorrenti ġie ordnat jagħmel depositu ta' €300 biex jassigura s-servizzi ta' l-istess terapista.

**Senjatament jiġi notat għal fini ta' din l-eċċeżżjoni din il-proċedura baqgħet pendenti minħabba lir-rikorrenti baqa' ma affettwax id-depożitu ordnat.**

**Fit-30 ta' Awwissu 2018,** huwa ppreżenta din il-kawża odjerna fejn jattakka kif ingħad kemm l-aċċess għal uliedu wkoll il-mod kif il-Qorti spartit l-assi bejniethom senjatament fejn martu ġiet assenjata żewġ garaxxijiet.

Ippreżenta wkoll rikors fit-**23 ta' Frar, 2016** fejn talab lill-Qorti tal-Appell ai terminu ta' l-artikolu 825 tal-Kap 12 li tirrivedi l-manteniment dovut u dan minħabba l-assenjazzjoni ta' garaxx biex ipatti għall-arretrati ta' l-istess mhux imħallsa. Dan ġie miċħud fuq il-ġusta premessa li l-artikolu nvokat ma kienx applikabbli.

Ikkunsidrat.

**12**. L-argument ovvju ta' l-intimati hu lir-rikorrenti kellu toroq oħra ta' natura legali ordinarji biex jfittex sodisfazzjon għal-lanjanzi tiegħu u mhux jutilizza rikors ta' natura straordinarja fis-sinifikat u reperkussjonijiet tiegħu bħal ma hu dan ineżami. Oltre dan, pendenti r-rikors u dak fiħ degretat fejn ġiet maħtura Melissa Agius, liema proċeduri baqgħu pendenti tort tar-rikorrenti, t-talbiet fil-konfront ta' l-aċċess huwa intempestivi.

**13**. Fl-atti tar-Referenza li saret mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) vs George Xuereb**[23] ingħad dan fir-rigward tar-rimedji ordinarji u r-rifjut tal-Qorti li teżamina l-lanjanzi mressqa minħabba n-nuqqas ta' rikors għal dawn:

> "*Illi dwar il-punt jekk l-imputat li talab li ssir din ir-riferenza kostituzzjonali quddiem din il-Qorti ezawrix ir-rimedji ordinarji li ghandu jew kellu qabel ma rrikkorra ghal dan ir-rimedju ta' natura straordinarja skont dak li jipprovdi l-***artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta***, jinghad li din il-Qorti tista' taghzel li ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali taghha jekk tkun sodisfatta li hemm jew kien hemm mezzi xierqa ta' rimedju disponibbli favur ir-rikorrenti ghall-allegat ksur. Dan il-punt gie trattat diversi drabi mill-Qrati taghna u fost il-varji sentenzi fuq dan il-punt qed issir referenza ghall-uhud minnhom fosthom* ***"Salvatore Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent et"*** *(Q.K – 30 ta' Mejju 2003),* ***"Paul Mackay vs Kummissarju tal-Artijiet"*** *(Q.K. – 9 ta' Ottubru*

[23] Rikors Numru: 24/2008/RCP deċiż 25 ta' Marzu, 2010

*2001),* ***"Dr. Mario Vella vs James Bannister nomine"*** *(Q.K. – 7 ta' Marzu 1994),* ***"Mourad Mabrouk vs Ministru ghall-Gustizzja u l-Affarijiet Interni et"*** (P.A. *(Sede Kostituzzjonali) – 4 ta' Frar 2009), u* ***Philip Spiteri vs Sammy Meilaq*** *(Q.K. - 8 ta' Marzu 1995) u ghall- principji hemm enuncjati.*

*Illi partikolarment din il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***"Paul Fenech et vs Kummissarju ta' l-Artijiet et"*** *(Q.K. - 16 ta' Mejju 2008) fejn il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet:-*

*"...illi persuna m'ghandhiex kull meta jkun hemm xi nuqqas tal-amministrazzjoni tinvoka mill-ewwel ksur tad-drittijiet fundamentali taghha minghajr ma fl-ewwel lok, tara jekk l-Ordinament Guridiku jipprovdix hu stess rimedju. Ir-rimedju ordinarju ghandu jigi invokat qabel irrimedju straordinarju ibbazat fuq il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."*

*Illi fil-kawza* ***"Mifsud Bonnici et v Tabone noe et"*** *(24 ta' Settembru, 2002) inghad li:-*

*"Din il-Qorti tifhem li rikors ghal soluzzjoni kostituzzjonali ghandu jkun "a measure of last resort" ghax hu prezunt li c-cittadin jista' u ghandu jsib il-protezzjoni tad-drittijiet tieghu fil-ligijiet tal-pajjiz. Id-drittijiet tac-cittadin huma moghtija lilu jew mill-ligi naturali (li taghti lil kull bniedem certi drittijiet fundamentali u inaljenabbli) jew mill-ligi tal-pajjiz stess. F'socjeta' ideali, l-ghoti ta' drittijiet huwa bizzejjed biex il-bniedem igawdi mill-istess drittijiet, u dan peress li jkun mistenni li kull membru ta' dik is-socjeta' jirrispetta d-drittijiet ta' l-iehor, u jaghti lil haddiehor dak li hu tieghu. Peress li din is-socjeta' idealistika, jekk kienet tezisti, ma tantx damet hekk tezisti, l-istess membri tas-socjeta' holqu awtorita' li lilha nghata l-poter tara li d-drittijiet ta' kull membru ta' dik is-socjeta' jigu onorati. Maz-zmien dik l-awtorita', zviluppat fi Gvern, b'poter mhux biss biex jaghti drittijiet lic-cittadini, izda anke biex johloq mezzi biex dawk id-drittijiet jigu protetti u enforzati. Lill-Gvern, ukoll, gew moghtija lilu*

*poteri ohra, li, aktar ma ghadda z-zmien aktar saru ampji, komplessi u "far reaching".*

*Illi fuq din il-kwistjoni, l-awturi* ***Jacobs and White****, fil-ktieb* ***"The European Convention on Human Rights"*** *(Clarendon Press, 1996 Ed.) jghidu, (pg. 354):-*

*"The Commission, citing the Interhandel Case before the International Court of Justice, has stated that the rule requiring the exhaustion of domestic remedies as a condition of the presentation of an international claim is founded upon the principle that the respondent State must first have an opportunity to redress by its own means within the framework of its own domestic legal system the wrong alleged to have been done to the individual".*

*Illi konsistentement ma' dan fil-kawza "****Al Sakalli vs Prim Ministru et****" (Q.K. - 7 ta' April, 2000) intqal b'mod enfatiku li l-iskop ta' azzjoni kostituzzjonali dwar l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem hija proponibbli biss meta ma hemmx rimedju iehor effettiv skont il-ligi ordinarja. Jekk jezisti dan ir-rimedju taht il-ligi ordinarja allura wiehed ghandu l-ewwel jezawrixxi dawk ir-rimedji qabel ma jitlob rimedju kostituzzjonali (ara wkoll "****Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija"*** *deciza mill-istess Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1993, u* ***"Paul Mackay vs Kummissarju tal-Artijiet"*** *(Q.K. – 9 ta' Ottubru 2001).*

*Illi fil-kawza* ***"Raymond Vella u Victoria Bugeja bhala Diretturi u in rappresentanza tas-socjeta` Fekruna Ltd vs Il-Kummissarju ta' l-Artijiet"*** *(Q.K. - 24 ta' Mejju, 2004) l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qalet illi:-*

*"Il-legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim Awla biex, minn naha l-wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) bla bzonn, izda minn naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw*

*li jigu ezaminati sew u taht il-lenti tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea (anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra) dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li "huma jew kienu disponibbli" favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha. Konsegwentement meta l-Prim Awla taghzel li tezercita s-setghat taghha, din il-Qorti Kostituzzjonali ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti hlief f'kazijiet fejn dik il-Qorti tkun manifestament u grossolanament zbaljat fl-uzu ta' dik id-diskrezzjoni".*

*Illi minbarra dan fil-kawza fl-isimijiet **"Tefarra Teseba Berhe v Kummissarju tal-Pulizija"** (20 ta' Gunju 2007) il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-Sede Kostitizjonali taghha rribadiet li:-*

*"l-eżistenza ta' rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali tat il-Kostituzzjoni jew tat il-Konvenzjoni ghandha tirriżulta lill-Qorti bhala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżeritax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-eżistenza ta' rimedju iehor hija deciżjoni fuq tali stat ta' fatt".'*

*'Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat."*

**14**. Fid-deċiżjoni riċenti fl-ismijiet **Malta Playing Fields Association (VO/1266) vs L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat tal-Istat, l-Awtorita' tal-Artijiet,**

**Sport Malta u Royal Malta Yacht Club (KMS/C/110/2009) għal kull interess li jista' jkollha**[24] ngħad hekk:

**"L-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li -

*"Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra."*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et deċiża fid-29 t'April 2013**[25] u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

*"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim'Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn*

[24] Rikors Kostituzzjonali Nru.: 92/2020 deċiża 30 gta' Settembru, 2024.

[25] Rik Nru 68/11

*għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "**Philip Spiteri vs Sammy Meilaq**" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

*……*

*Fil-kawża fl-ismijiet "Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti*

*suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et deċiż fis-27 ta' Frar 2006**[26] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

"*Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli.*"[27]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[28]

---

[26] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005
[27] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994
[28] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995.

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha."*[29]

*"Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[30]

**15**. Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern ir-rikorrenti kellhux a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnha.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li - fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel HI jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

**16**.Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et deċiż fil-25 ta' Mejju 2016**[31]:

*"….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

[29] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002

[30] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000

[31] Rik 40/10

**17**. Bħala fatt jirriżulta illi r-rikorrenti prova b'użu ta' artikolu żbaljat jibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fil-konfront tal-garaxxijiet. Il-fatt hu invoka artikolu inapplikabbli ma jwassalx għal ksur tal-lanjanzi mressqa.

Fir-rigward tal-aċċess għal uliedu, għalkemm beda proċedura appożita u sura biex tibda tinbena xi relazzjoni bejnu w uliedu, waqaf milli jsegwi l-istess. Frankament għax ma ridx jagħmel id-depositu mitlub, meta llum din il-Qorti għandha tagħrif li għalkemm ir-rikorrenti jilmenta minn għaks kbir għandu a dispożizzjoni tiegħu diversi proprjetajiet.

Għalhekk il-Qorti tibqa tirritjeni li mhux biss dan ir-rikors in eżami jaf ta' attentat ta' reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, li din il-Qorti mhux bi ħsiebha tagħmel, imma seta' jiġi evitat b'mezzi oħra legali li kienu u fit-tieni aspett għadhom a dispożizzjoni tar-rikorrenti.

Detto ċioe', biex il-Qorti turi kemm dan ir-rikors huwa xejn ħlief attentat ta' eżami ta' terza instanza għax ma temminx li l-Qorti ta' l-Appell Ċivili illediet xi dritt fundamentali tar-rikorrenti se tgħaddi biex teżamina l-lanjanzi mressqa.

**<u>18. Ksur ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.</u>**

Dan l-artikolu jaqra kif ġej:

> *"1. Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence.*

*2. There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others."*

**19**.Insibu fl-istudju u l-analizi ta' l-artikolu 8 li dan jiġi eżaminat minn żewġ aspetti, dak li huwa l-obbligazzjoni negattiva u dik posittiva ta' l-Istat. Dan huwa ben spjegat fil-pubblikazzjoni tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (QEDB) taħt l-awspizju tal-Kunsill Ewropew fil-pubblikazzjoni gwida għall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu in eżami u ċioe' **Guide on Article 8 of the European Convention on Human Rights :Right to respect for private and family life.**[32] Naraw li fir-rigward jingħad u hu spjegat li ġej, u l-Qorti se tiċċita fit-tul għaliex huwa minn dan il-lat lil lanjanza mressqa fir-rigward trid tiġi eżaminata:

***"B. Should the case be assessed from the perspective of a negative or positive obligation?***

*3. The primary purpose of Article 8 is to protect against arbitrary interferences with private and family life, home, and correspondence. This obligation is of the classic negative kind, described by the Court as the essential object of Article 8 (Kroon and Others v. the Netherlands, § 31). However, Member States also have positive obligations to ensure that Article 8 rights are respected even as between private parties. In particular, "although the object of Article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities, it does not merely compel the State to abstain from such interference: in addition to this primarily negative undertaking, there may*

[32] L-ewwel edizzjoni.

*be positive obligations inherent in an effective respect for private life. These obligations may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life even in the sphere of the relations of individuals between themselves (see, for example, Evans v. the United Kingdom [GC], § 75, although the principle was first set out in Marckx v. Belgium).*

*4. The principles applicable to assessing a State's positive and negative obligations under the Convention are similar. Regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole, the aims in the second paragraph of Article 8 being of a certain relevance (Hämäläinen v. Finland [GC], § 65; Gaskin v. the United Kingdom, § 42; and Roche v. the United Kingdom [GC], § 157). Where the case concerns a negative obligation, the Court must assess whether the interference was consistent with the requirements of Article 8 paragraph 2, namely in accordance with the law, in pursuit of a legitimate aim, and necessary in a democratic society.*

*…*

***"C. In the case of a negative obligation, was the interference conducted in "accordance with the law"?***

*9. The Court has repeatedly affirmed that "any interference by a public authority with an individual's right to respect for private life and correspondence must be 'in accordance with the law' … [T]his expression does not only necessitate compliance with domestic law, but also relates to the quality of that law, requiring it to be compatible with the rule of law (Halford v. the United Kingdom, § 49)".*

*10. The national law must be clear, foreseeable, and adequately accessible (Silver and Others v. the United Kingdom, § 87). This includes sufficient foreseeability that individuals are able to act in accordance with the law, as well as a clear demarcation of the scope of discretion for public authorities. As the Court articulated in the surveillance context, for example, "The law must be sufficiently clear in its terms to give citizens an adequate indication of the conditions and circumstances in which the authorities are empowered to resort to any measures of secret surveillance and collection of data" (Shimovolos v. Russia, § 68). In Vukota-Bojić v. Switzerland the Court found a violation of Article 8 due to the lack of clarity and precision in the domestic legal provisions that*

*had served as the legal basis of her surveillance by her insurance company after an accident.*

*11. The clarity requirement applies to the scope of discretion exercised by public authorities. As the Court noted, "domestic law must indicate with reasonable clarity the scope and manner of exercise of the relevant discretion conferred on the public authorities so as to ensure to individuals the minimum degree of protection to which they are entitled under the rule of law in a democratic society (Piechowicz v. Poland, § 212)."*

*12. The Grand Chamber affirmed that, with regard to foreseeability, "The phrase ["in accordance with the law"] thus implies, inter alia, that domestic law must be sufficiently foreseeable in its terms which the authorities are entitled to resort to measures affecting their rights under the Convention. (Fernández Martínez v. Spain [GC], § 117)" Foreseeability need not be certain, as the Grand Chamber has stated, "The applicants must have been able to foresee to a reasonable degree, at least with the advice of legal experts, that they would be regarded as covered by [the law]. Absolute certainty in this matter could not be expected.(Slivenko v. Latvia [GC], § 107)"*

*13. Lawfulness also requires that there be adequate safeguards to ensure that an individual's Article 8 rights are respected. A State's responsibility to protect private and family life often includes positive obligations that ensure adequate regard for Article 8 rights at the national level. The Grand Chamber, for example, recently found a violation of the right to private life due to the absence of clear statutory provisions criminalising the act of covertly filming a naked child (Söderman v. Sweden [GC], § 117).*

*14. A finding that the measure in question was not "in accordance with the law" suffices for the Court to hold that there has been a violation of Article 8 of the Convention. It is not therefore necessary to examine whether the interference in question pursued a "legitimate aim" or was "necessary in a democratic society" (M.M. v. the Netherlands, § 46).*

***D. Does the interference further a legitimate aim?***

*15. Article 8 § 2 enumerates the legitimate aims which may justify an infringement upon the rights protected in Article 8: "in the interest of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others." The*

*Grand Chamber recently observed that, "The Court's practice is to be quite succinct when it verifies the existence of a legitimate aim within the meaning of the second paragraphs of Articles 8 to 11 of the Convention. (S.A.S. v. France [GC], § 114)."*

…

***E. Is the interference necessary in a democratic society?***

*19. In order to determine whether a particular infringement upon Article 8 is "necessary in a democratic society", the Court balances the interests of the Member State against the right of the applicant. In an early and leading Article 8 case, the Court stated that: "Firstly, 'necessary' in this context does not have the flexibility of such expressions as 'useful', 'reasonable', or 'desirable', but implies the existence of a 'pressing social need' for the interference in question ... it is for the national authorities to make the initial assessment of the pressing social need in each case; accordingly, a margin of appreciation is left to them. However, their decision remains subject to review by the Court ... a restriction on a Convention right cannot be regarded as "necessary in a democratic society" - two hallmarks of which are tolerance and broadmindedness - unless, amongst other things, it is proportionate to the legitimate aim pursued. (Dudgeon v. the United Kingdom, § 51-53)."*

*20. Subsequently, the Court has affirmed that, "In determining whether the impugned measures were 'necessary in a democratic society', the Court will consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify them were relevant and sufficient and whether the measures were proportionate to the legitimate aims pursued. (Z v. Finland, § 94)" The Court has further clarified this requirement, stating: "As to the criterion 'necessary in a democratic society', the Court would reiterate that the notion of 'necessity' for the purposes of Article 8 means that the interference must correspond to a pressing social need, and, in particular, must remain proportionate to the legitimate aim pursued. Assessing whether an interference was 'necessary' the Court will take into account the margin of appreciation left to the State authorities but it is a duty of the respondent State to demonstrate the existence of the pressing social need behind the interference. (Piechowicz v. Poland, § tal-obbligazzjoni negaa*

*21. With regard to general measures taken by the national government, the Grand Chamber observed that, "It emerges from that case-law that, in order to determine the proportionality of a general measure, the Court must primarily assess the legislative choices underlying it ... The quality*

> *of the parliamentary and judicial review of the necessity of the measure is of particular importance in this respect, ... [as is] the risk of abuse if a general measure were to be relaxed, that being a risk which is primarily for the State to assess. (Animal Defenders International v. the United Kingdom [GC], § 108).”*

**20**. Eżaminat mil-lat ta’ l-obbligazzjoni negattiva ta’ l-Istat huwa paċifiku li l-interferenza li l-Istat għamel fil-ħajja privata tal-konjuġi Balzan zgur mhux waħda arbritarja għax hija maħsuba mil-liġi li tirregola s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi, hekk imsejjħa *a mensa et thoro*. Tali ġġib magħha mhux biss l-effett ta’ l-obbligu tad-diskontinwazzjoni ta’ ko-abitazzjoni, imma x-xoljiment tal-komunjoni, taqsim tal-passiv u attiv ta’ l-istess, obbligi ta’ manteniment u l-kura u kustodja u l-aċċess ta’ u għall-ulied. Ċertament għalhekk lanqas l-għan leġittimu ta’ l-istess interferenza mill-Qrati domestiċi ma hija ta’ kontestazzjoni.

**21**. Jispetta lill-Qrati, li japplikaw għal kull każ in deżamina quddiemhom il-liġi domestika applikabbli għall-każ. Dan għalhekk hekk jeskludi kull arbitrarjeta’ u jassikura l-applikazzjoni tal-liġi fl-ambitu tat-tħaddin tas-Saltna ta’ Dritt. Ċertament li mhux dibattut li dawn il-liġijiet għandhom għan leġittimu u jfittxu li jistabilixxu l-proporzjonalita’ meħtiega bejn l-interessi tal-l-individwi affettwati u l-interess generali tas-soċjeta’, ukoll li jfittxu li jirregolaw u li jiġi assigurat l-aħjar interess u soluzzjoni għall-partijiet u b’mod speċjali għal minuri l-aktar vulnerabbli.

Hekk għamlet il-Qorti ta’ l-Appell.

Huwa ċar li l-Qorti barra l-kunsiderazzjoni ta' l-assi u taqsim tagħhom, kellha f'moħħa, kif għandu jkun il-fulcrum kardinali fi żwieġ li minnu hemm wild, l-interessi ta' l-istess. Il-kunsiderazzjoni tal-Qorti trid tkun u kienet biss l-aħjar interess tal-minuri u minn imkien ma jirriżulta li dan ma kienx miżmum bħala tir fid-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell. Dan fih innifsu ma jilledi ebda dritt sanċit fl-artikolu 8, lanqas fil-konfront tal-ġenitur li ma jkunx hekk favorit fir-rigward.

**22.** Il-fatt waħdu lir-rikorrenti jilmenta li l-Qorti m'appuntatx l-Aġenzija Appoġġ biex tissorvelja lil ulied, li għażlet li tastjeni li tieħu konjizzjoni ta' rikors għax kienet waslet qrib għal-deċiżjoni finali, jew iddisponiet minn rikors mod ieħor minn kif ħass ir-rikorrenti, ma jfissirx lid-deċiżjoni tagħha ma kellhiex għan leġittimu u kienet priva minn proporzjonalita', anzi tqies li kienet deċiżjoni neċessarja għall-aħjar interess ta' l-ulied. Il-Qorti tgħid dan tenut kont ta' dak li rriżulta fis-smiegħ ta' din is-separazzjoni tortuża, fejn huwa ċar li ġenitur minn tnejn naqas bil-kbir lejn l-obbligazzjonijiet kemm ***matrimonjali tiegħu u agħar dawk ta' missier bil-għaqal u serju li minflokk ħabb u ħaddan lil uliedu għaddiehom minn martirju kontinwu u fit-tul.***

**23**. Mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li terġa' teżamina l-atti tas-separzzjoni, trid tara biss kif l-interferenza fil-ħajja tal-konjuġi Balzan ġiet eżerċitat mill-Istat tramite l-Qrati.

F'pubblikazzjoni oħra wkoll tal-Qorti Ewropeja, QEDB, fl-ismijiet **KEY THEME Rights of the child Contact rights**[33] intqal dan fir-rigward.

> *"The Court has recognised that, in the field of contact rights, the boundaries between the State's positive and negative obligations under Article 8 do not lend themselves to precise definition. The applicable principles are, nonetheless, similar. In particular, in both instances regard must be had to the fair balance which has to be struck between the general interest and the interests of the individual; in both contexts the State enjoys a certain margin of appreciation (M.H. v. Poland, 2022, § 65) and the decision-making procedure must provide the requisite protection of parental interests (Popadićv. Serbia, 2022, § 85)."*

**24**.Eżaminati mil-lat ta' obbligazzjoni pożittiva insibu li:

> "*In general, where contact disputes concerning children arise between parents, it is in the light of the State's positive obligations under Article 8 that the Court will examine whether the difficulties in enforcing the court decisions for protective measures regarding the contact between an applicant and his or her child amounted to a breach of the applicant's right to respect for his family life (Baškys v. Lithuania, 2022, § 41). Therefore, where the alleged breach of Article 8 is the consequence of an applicant's separation from the child's other parent, and does not stem directly from a decision or an act of a public authority, the case is to be assessed in the light of the State's positive obligations under Article 8 (Vinškovský v. the Czech Republic* (dec.), *2023, §§ 44-45, Honner v. France, 2020, § 53, with further references)."*

Minn dan il-lat ma ssibx li kienet omm l-ulied li tarmite s-sentenza tal-Qorti tal-Appell kompliet taljena lil ulied. Għal darb'oħra jiġi ritenut li kien l-istess rikorrenti li għażel ma jkomplix bil-proċeduri li beda bil-medjazzjoni.

Eżaminata din il-lanjanza mill aspett ta' obbligazzjoni negattiva isib li ċertament mhux il-każ ta' lezjoni għaliex id-deċiżjoni ta' kif fl-aħjar interess tat-tfal ir-

[33] Kunsill Ewropew (Last updated: 31/08/2024)

rikorrenti kellu jara lil uliedu eventwalment kienet meħuda minn Qrati apposita wara kunsiderazzjonijiet tal-provi miġjuba quddiema. Jekk eżaminat mill-aspett ta' obbligazzjoni posittiva, tqies lid-diskrezzjoni mħollija l-omm, kif jilmenta r-rikorrenti xorta kienet marbuta mal-assessment li ordnat il-Qorti li l-istess rikorrent għazel li ma jsegwix.

**25**. Għalhekk l-obbligazzjoni ta' l-Istat minn dan il-lat hija sodisfatta jekk:

> *"In the context of both negative and positive obligations, the Court has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons given by the competent domestic authorities to justify their decisions were "relevant and sufficient" for the purposes of Article 8 § 2 of the Convention. To that end, the Court must ascertain whether the domestic courts conducted an in-depth examination of the entire family situation and a whole series of factors, particularly those of a factual, emotional, psychological, material and medical nature, and made a balanced and reasonable assessment of the respective interests of each person, with a constant concern for determining what the best solution would be for the child (T.A. and Others v. the Republic of Moldova, 2021, § 52, and Strand Lobben andOthers v. Norway [GC], 2019, § 211)."*

**26**. Hekk għamlet il-Qorti tal-Appell. Anzi din il-Qorti tmur oltre, konsiderat dak li kienu soġġetti għalih il-minuri, vjolenza domestika u **xamma**[34] t'abbuż possibilment anke sesswali,[35] il-Qorti ta' l-Appell kienet sensittiva u għarblet bil-għaqal dak li kien u jibqa' kardinalment important: l-aħjar interess tal-minuri.

Tkun ċara wkoll din il-Qorti, li għalkemm taqbel mar-rikorrenti li l-ulied għandhom bżonn il-preżenza ta' missier, **u hawn iżżid b'mod enfatiku ta' missier sew u kuranti għalihom,** pero' dan il-bżonn irid jiġi eżerċitat b'kawtela u biss meta l-ulied ikunu lesti li dan id-dritt jiġi hekk eżerċitat. Dan jingħad ukoll fl-ambitu tal-prinċipju li kull dritt stabbilit fl-artikolu 8 mhux assolut u hu

[34] Ma kiebn hemm ebda kundanna ta' dan.

kwalifikat u għandu jiġi eżerċitat fl-ambitu anke tad-drittijiet ta' l-individwu n partikolari u l-interessi in ġenerali.

**27**. Mil-lat tal-obbligazzjoni negattiva fl-istess pubblikazzjoni insibu hekk:

***"Negative obligations:***

*In cases concerning domestic measures hindering the access of a parent to his or her child, the Court has recognised that the authorities enjoy a wide margin of appreciation, in particular when deciding on custody. However, a stricter scrutiny was called for as regards any further limitations, such as restrictions placed on parental rights of access, and as regards any legal safeguards designed to secure an effective protection of the right of parents and children to respect for their family life. Such further limitations entail the danger that the family relations between a young child and one or both parents would be effectively curtailed (Bîzdîga v. the Republic of Moldova, 2023, § 58, Sommerfeldv. Germany [GC], 2003, §§ 62-63). Similar principles apply to cases concerning decisions on contact rights of grandparents (Q and R v. Slovenia, 2022, § 95).*

▪ *In determining whether the refusal of access of a parent to his or her child was "necessary in a democratic society", the Court has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify this measure were "relevant and sufficient"(Katsikeros v. Greece, 2022, §§ 57-63). In this respect, the Court will have regard to the fact that perceptions as to the appropriateness of intervention by public authorities in the care of children vary from one Contracting State to another, depending on such factors as traditions relating to the role of the family and to State intervention in family affairs and the availability of resources for public measures in this particular area. However, consideration of what is in the best interests of the child is, in every case, of crucial importance (Kilicv. Austria, 2023, § 122, Strand Lobben and Others v. Norway [GC], 2019, § 210).*

▪ *In deciding on contact restrictions, the domestic authorities have a duty to consider anapplicant's alleged history of domestic violence, a relevant and mandatory factor to beweighed in assessment (Bîzdîga v. the Republic*

*of Moldova, 2023, § 62) as well as the vulnerability of an applicant (A.I. v. Italy, 2021, §§ 101-103).4*

▪ *The Court will further have regard to the authorities' decision-making process, to determine whether it has been conducted so as to ensure that the views and interests of the natural parents are made known to, and duly taken into account by, the authorities and that they are able to exercise in due time any remedies available to them (Strand Lobben and Othersv. Norway [GC], 2019, §§ 212-213).*

▪ *As regards the decision-making process, the Court has held that it would be going too far to say that domestic courts are always required to involve a psychological expert on the issue of awarding contact to a parent not having custody, but it depends on the specific circumstances of each case, due regard being had to the age and maturity of the child concerned (ibid., § 213). However, in several cases concerning children the Court found that the decision-making process had not been fair in view of the failure of the domestic authorities to obtain an expert opinion, where such an opinion had been necessary in order*
*to assess a child's relationship with his or her parents or to evaluate whether the statementsgiven by the child corresponded to his or her true wishes (Byčenko v. Lithuania, 2023, § 116;see also Omorefe v. Spain, 2020, §§ 54-56).*

▪ *The question of whether the domestic courts need to hear a child in court depends on the specific circumstances of each case, due regard being had to the age and maturity of thechild concerned (Byčenko v. Lithuania, 2023, § 106)."*

**28**. Minn dan il-Qorti tislet lid-deċiżjoni li ttieħdet fuq l-aċċess ta' l-ulied tenut kont tal-provi prodotti lilha, l-Qorti għamlithom għax kienu neċessarji u fl-aħjar interess ta' l-ulied in partikolari u tas-soċjeta' in ġenerali li hija fuq kollox ukoll effettwata fl-immedjat u fil-futur bil-konsegwenzi ta' turbulenzi familjari. Dan tenut kont ta' storja twila ta' vjolenza domestika u l-vulnerabilta' tal-ulied li kienu esposti għal relazzjoni tal-genituri tagħhom u għal dak li soffrew huma direttament fuqhom.

Tqies ukoll illi l-Qrati ma ħadux din id-deċiżjoni fl-għama. Anzi ġiet maħtura esperta fil-kamp li semgħet it-tfal u xehdet għalhekk fuq dak li għandu jkun l-aħjar mod ta' kif timxi l-Qorti dejjem fl-aħjar interess tal-minuri. Dan ġie eżaminat u kkonfermat fit-tieni istanza.

**29**. Iżid ma dan li minn qed jilmenta għan-nuqqas t'aċċess kellu u għad għandu triq ta' soluzzjoni, triq li del resto xprunaha hu wara li segwa dak li qalet il-Qorti tal-Appell. Din it-triq hija waħda li hu beda meta fetaħ medjazzjoni, pero' jidher li hu aktar hu kmandat mill-ammont li ma jridx jonfoq milli l-ġid ta' wliedu. Jilmenta minn nuqqas t'aċċesss u jiġġieled għad-dritt tal-ulied li jaraw u jistabilixxu kuntatt ma missierhom, pero' għażel li ma jsegwix it-triq li fetħitlu l-Qorti meta ħatret l-esperta li fil-fehma tagħha kienet l-aħjar biex tassigura l-aħjar interess tal-minuri.

**30.** Bħala l-aħħar punt din il-Qorti iżid ukoll, dan dejjem marbut ma l-interpretazzjoni ta' l-aspetti ta' dan l-artikolu invokat, li l-liġi applikata fil-konfront ta' l-aċċess ta' ulied, saħansitra għal kura u kustodja ta' l-istess, kienet u baqgħet dejjem waħda prevedibbli u ċara, għalhekk ma hemm ebda element ta' sorpriża għall-andament ta' kif mexa' r-rikorrenti u l-konsegwenzi li dan iġib miegħu.

**Tqies għalhekk li l-ilment imressqa mir-rikorrenti fir-rigward tal-ksur ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni huma għal kollox fiergħa u bla bażi u ma huma xejn ħlief attentat ta' revisjoni għal dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell.**

**31.Ilment marbut ma' l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja.**

Dwar dan ir-rikorrenti jilmenta illi:

- l-ewwel garaxx ġie trasferit lil martu fuq interpretazzjoni ħażina ta' l-artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili n kwantu l-artikoli 54 jipprovdi biss għall-manteniment dovut wara s-sentenza ta' separazzjoni u mhux dak qua arretrati *pendenti lite;*

- ukoll illi l-Qorti tal-Appell ma ratx li fil-mori tad-differiment l-arretrati kienu tħallsu;

- illi t-trasferiment tat-tieni garaxx ġie ordnat nonostante li kien hemm likwidata' biex jiġi paċuta dan l-ammont';

- illi dawn iż-żewġ garaxxijiet huma taħt daru u b'hekk hu kostrett li wara s-separazzjoni jħabbat wiċċu magħha kull meta żżur dawn il-fondi.

**32.** Mil-lat ġurisprudenzjali naraw li l-artikoli in vigore ġew ikkumentati kif se jingħad.

Fil-każ **Anthony Bugeja et vs Avukat tal-Istat et** deċiż fil-25 ta' Settembru 2024 ingħad hekk in materja –

> *"36. B'referenza għall-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jinsab assodat li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa aktar ristrett mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. Infatti l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal Konvenzjoni Ewropea jipproteġi t-tgawdija paċifika tal-'possedimenti' filwaqt illi l Artikolu 37(1) jitkellem dwar teħid b'mod obbligatorju tal-pussess ta' proprjeta` jew il-ksib b'mod obbligatorju ta' interess fi jew dritt fuq proprjeta`.*

Dan stabbilit xorta dan l-artikolu jsegwi l-prinċipji li jimxu fuqu l-ewwel artikolu ta' l-ewwel protokol kif se naraw.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-każ **Agnes Gera de Petri Testaferrata vs Avukat Ġenerali** surreferit fejn ingħad hekk –

> *"Skont is-sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu: Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in*

> *the first rule (see, among other authorities, James and Others vs the United Kingdom, 21 February 1986, § 37, Series A no. 98; Beyeler vs Italy, (GC), no. 33202/96, §98, ECHR 2000-I; Saliba vs Malta, no. 4251/02, §31, 8 November 2005)."*

**33**. Il-kontroll eżereċitat fuq iż-żewġ garaxxijiet kif ilmentat mir-rikorrenti ma jolqotx dak solitu trattati minn din il-Qorti ta' espropjazzjoni jew attakk fuq il-liġijiet tal-kera, hawn l-intervent ta' l-Istat huwa wieħed eżerċitat mit-tielet organu tiegħu, il-Qrati. Għalhekk kien ġust l-Avukat ta' l-Istat f'dan ir-rigward meta ressaq li l-Istat ma ħa xejn b'mod dirett mingħand ir-rikorrenti.

**34**.Fil-fatt l-ilment tar-rikorrenti huwa dirett lejn deċiżjonijiet li ħadu dawn il-Qrati, in partikolari il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha fejn laqtgħet żewġ garaxxijiet qabel tar-rikorrenti u għar-raġunijiet spjegati fis-sentenza assenjathom lill-intimata martu, wieħed in sodisfazzjon ta' arretrati ta' manteniment bejn l-ewwel u t-tieni sentenza u l-ieħor biex jpatti ta' kreditu ta' benefikati a favur il-mara.

**35**. Din il-Qorti terġa' tirritjeni li hi mhux waħda ta' revisjoni, mhux qegħda fil-kompetenza li tagħmel dan u jekk l-ilment tar-rikorrenti hu dirett lejn użu u applikazzjoni ħazina tal-liġi din ta' rikors kostutuzzjonali u konvenzjonali mhux it-triq korretta li kellu jagħżel.

**36.** Insibu fir-rigward fil-pubblikazzjoni ġia suċitata issa b'referenza għall-ewwel artikolu ta' l-ewwel protokol tal-Konvenzjoni bl-isem **Guide on Article 1 of**

**Protocol No. 1 to the European Convention on Human Rights: Protection of property.**[36]

> *"20. On the contrary, no legitimate expectation can be said to arise where there is a dispute as to the correct interpretation and application of domestic law and the applicant's submissions are subsequently rejected by the national courts (Anheuser-Busch Inc. v. Portugal [GC], § 65; Centro Europa 7 S.R.L. and di Stefano v. Italy [GC], § 173; Béláné Nagy v. Hungary [GC], § 75; Karachalios v. Greece (dec.), § 46; Radomilja and Others v. Croatia [GC], § 149)."*

**37**. Kif ingħad l-Avukat ta' l-Istat jargumenta wkoll illi fil-fatt ma kienx l-Istat fl-ambitu ta' xi deċiżjoni amministrazzjoni/leġislattiva tiegħu li b'xi mod interferixxa fid-dritt tal-proprjeta' tar-rikorrenti, hawn ma kienx lanqas kwistjoni fejn l-Istat appropja ruħu ta' xi proprjeta' privata għal raġuni ta' interess pubbliku.

Huwa pero' obbligu ta' l-Istat li jipprovdi għal dawk l-obbligazzjonijiet oriżżontali li jirregolaw r-relazzjonijiet bejn il-individwi privati. Dan isir bl-leġislazzjoni apposita li mbagħad jispetta lill-Qorti li tinterpreta.

> *"193. The "positive measures of protection" to which the Court refers concern not only interferences by the State, but also by private persons, and they can be of a preventive or remedial nature.*
>
> *194. Indeed, the Court has found that even in horizontal relations there may be public-interest considerations involved which may impose some obligations on the State (Zolotas v. Greece (no. 2), §*
>
> *39). Therefore, certain measures necessary to protect the right of property may be required even in cases involving litigation between individuals or companies (Sovtransavto Holding v. Ukraine, § 96).*
>
> *195. However, where the case concerns ordinary economic relations between private parties such positive obligations are much more limited.*

[36] Updated on 31 August 2020

*Thus, the Court has stressed on many occasions that Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention cannot be interpreted as imposing any general obligation on the Contracting States to cover the debts of private entities (Kotov v. Russia [GC], § 111; Anokhin v. Russia (dec.).*[37]

*196. In particular, when an interference with the right to peaceful enjoyment of "possessions" is perpetrated by a private individual, a positive obligation arises for the State to ensure in its domestic legal system that property rights are sufficiently protected by law and that adequate remedies are provided whereby the victim of an interference can vindicate his rights, including, where appropriate, by claiming damages in respect of any loss sustained (Kotov v. Russia [GC], § 113; Blumberga v. Latvia, § 67). It follows that the measures which the State can be required to take in such a context can be preventive or remedial (Kotov v. Russia [GC], § 113)"*

**38.** Kull ma ġara fil-każ in eżami, u ċertament hawn l-Istat ssodisfa kull obbligazzjoni anke pożittiva mixħuta fuqu, hu li l-Qrati irregolaw tramite liġijiet appositi l-mod kif propjeta' privata f'kwistjoni privata kellha tiġi spartita. Għalhekk il-Qorti ma ssib li ma kien hemm ebda interferenza da parti ta' l-Istat li għandu jirrispondi għaliha kif jippretendi ir-rikorrenti.

Kull ma għamlet il-Qorti tal-Appell fl-ambitu ta' dak li hu smiegħ xieraq hu, li applikat il-liġijiet domestiċi ġusti provduti lilha għas-soluzzjoni tal-vertenza bejn żewġ ċittadini privati. Il-fatt lid-deċizjoni ma għoġbitx lir-rikorrenti ma tagħmilhiex waħda leżiva.

[37] Ibid.

**39.** Oltre, inutli r-rikorrenti jilmenta li llum l-propjeta' li ġiet assenjata tisboq sew fil-valur dak dovut. Dan l-awment fil-prezz tal-proprjeta' huwa riżultat tat-trapass taż-żmien u **huwa imputabbli biss u unikament lejn l-aġir tar-rikorrenti**. *Sic et simplicitur.*

**Konsegwentement il-Qorti ma ssibx illi r-rikorrenti għandu raġun fil-lanjanzi tiegħu u fil-waqt li tilqa' kull difiża mressqa fir-rigward tiċħad it-talbiet tiegħu bl-ispejjeż ta' din l-istanza għalih.**

**Onor Miriam Hayman.**

**Imħallef**

**Maraya Aquilina**

**Dep. Reġ.**